SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla)

23 ta' Jannar 2025 *

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 267 TFUE – Kunċett ta' 'qorti jew tribunal' – Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili – Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni – Regolament (UE) Nru 650/2012 – Artikolu 67(1) – Deċiżjonijiet mogħtija mill-awtorità emittenti – Assenza ta' eżerċizzju ta' funzjoni ġudizzjarja – Inammissibbiltà"

Fil-Kawża C-187/23 [Albausy] [i],

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Amtsgericht Lörrach (il-Qorti Distrettwali ta' Lörrach, il-Ġermanja), permezz ta' deċiżjoni tal-21 ta' Marzu 2023, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-23 ta' Marzu 2023, fil-proċedura mibdija minn

E. V. G.-T.

fil-preżenza ta':

P. T.,

F. T.,

G. T.,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla),

komposta minn I. Jarukaitis (relatur), President tar-Raba' Awla, li qiegħed jaġixxi bħala President tal-Ħames Awla, D. Gratsias u Z. Csehi, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Campos Sánchez-Bordona,

Reġistratur: N. Mundhenke, Amministratriċi,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-31 ta' Jannar 2024,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal E. V. G.-T., minn T. C. Pfeiffer, Rechtsanwalt,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

[i] L-isem ta' din il-kawża huwa fittizju. Dan l-isem ma jikkorrispondi għall-isem reali ta' ebda waħda mill-partijiet fil-proċedura.

– għall-Gvern Ġermaniż, minn J. Möller u M. Hellmann kif ukoll J. Simon, bħala aġenti,

– għall-Gvern Spanjol, minn I. Herranz Elizalde, bħala aġent,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn J. Vondung u W. Wils, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-11 ta' April 2024,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-punt (a) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 67(1) tar-Regolament (UE) Nru 650/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet u l-aċċettazzjoni u l-infurzar ta' strumenti awtentiċi fil-qasam tas-suċċessjonijiet u dwar il-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni (ĠU 2012, L 201, p. 107, u rettifiki fil-ĠU 2012, L 344, p. 3 u fil-ĠU 2013, L 60, p. 140).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' proċedura, mibdija minn E. V. G.-T. wara l-mewt ta' żewġha, għall-finijiet tal-ħruġ ta' Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni li jinnominaha bħala eredi unika.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

Ir-Regolament Nru 650/2012

3 Il-premessi 7, 8, 67 u 71 tar-Regolament Nru 650/2012 jistipulaw:

"(7) Hemm lok li jiġi ffaċilitat it-tħaddim tajjeb tas-suq intern billi jitneħħew l-ostakoli għall-moviment liberu ta' persuni li llum il-ġurnata jiġu affaċċjati b'diffikultajiet biex jimplimentaw id-drittijiet tagħhom fil-kuntest ta' suċċessjoni li għandha implikazzjonijiet transkonfinali. Fiż-żona Ewropea tal-ġustizzja, iċ-ċittadini għandhom ikunu fil-pożizzjoni li jorganizzaw is-suċċessjoni tagħhom bil-quddiem. Id-drittijiet tal-werrieta u l-legatarji, tal-persuni l-oħra qrib tad-deċedut kif ukoll tal-krediturі tas-suċċessjoni għandhom ikunu garantiti b'mod effettiv.

(8) Sabiex jintlaħqu dawk l-għanijiet, dan ir-Regolament għandu jiġbor flimkien id-dispożizzjonijiet dwar il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent, jew, skont il-każ, l-aċċettazzjoni, l-infurzabbiltà u l-infurzar tad-deċiżjonijiet, strumenti awtentiċi u tranżazzjonijiet ġudizzjarji u dwar il-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni.

[…]

(67) Sabiex suċċessjoni b'implikazzjonijiet transkonfinali fl-Unjoni [Ewropea] tiġi riżolta b'mod rapidu, mingħajr xkiel u effettiv, il-werrieta, il-legatarji, l-eżekuturi testamentarji jew l-amministraturi tal-patrimonju għandhom ikunu jistgħu juru faċilment l-istatus u/jew drittijiet u setgħat tagħhom fi Stat Membru ieħor, bħala eżempju, fi Stat Membru li fih tinsab il-proprjetà tas-suċċessjoni. Biex huma jkunu jistgħu jagħmlu dan, dan ir-Regolament għandu jipprevedi l-ħolqien ta' ċertifikat uniformi, iċ-Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni (minn hawn 'il quddiem 'iċ-Ċertifikat') li għandu jinħareġ għall-użu fi Stat Membru ieħor. […]

[…]

(71) Iċ-Ċertifikat għandu jipproduċi l-istess effetti fl-Istati Membri kollha. Ma għandux ikun titolu ta' infurzar fih innifsu iżda għandu jkollu effett evidenzjarju u għandu jkun preżunt li juri b'mod preċiż elementi li jkunu ġew stabbiliti skont il-liġi applikabbli għas-suċċessjoni jew skont kwalunkwe liġi oħra applikabbli għal elementi speċifiċi, bħal ma hija l-validità sostantiva ta' trasferiment *causa mortis*. L-effett evidenzjarju taċ-Ċertifikat ma għandux jestendi għal elementi li mhumiex irregolati minn dan ir-Regolament, bħal pereżempju kwistjonijiet tal-affiljazzjoni jew il-kwistjoni dwar jekk assi partikolari kienx tad-deċedut jew le. […]"

4 L-Artikolu 3 ta' dan ir-regolament, intitolat "Definizzjonijiet", jipprevedi:

"1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament:

[…]

c) 'testment konġunt' tfisser testment imfassal fi strument wieħed minn żewġ persuni jew aktar;

[…]

g) 'deċiżjoni' tfisser kwalunkwe deċiżjoni f'materja ta' suċċessjoni mogħtija minn qorti ta' Stat Membru, ikun xi jkun l-isem li jingħatalha, inkluża deċiżjoni dwar id-determinazzjoni tal-ispejjeż jew l-infiq minn uffiċjal tal-qorti;

[…]

2. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, it-terminu 'qorti' jfisser kull awtorità ġudizzjarja u awtoritajiet u professjonisti legali oħra kollha bħal dawn b'kompetenza f'materji ta' suċċessjoni li jeżerċitaw funzjonijiet ġudizzjarji jew jaġixxu taħt delegazzjoni ta' setgħa minn xi awtorità ġudizzjarja jew jaġixxu taħt il-kontroll ta' xi awtorità ġudizzjarja dment li dawn l-awtoritajiet u l-professjonisti legali l-oħrajn joffru garanziji fir-rigward tal-imparzjalità u d-dritt tal-partijiet kollha li jinstemgħu u dment li d-deċiżjonijiet tagħhom jittieħdu skont il-liġi tal-Istat Membru li fih joperaw:

a) jistgħu jkunu s-suġġett ta' appell jew reviżjoni minn awtorità ġudizzjarja; kif ukoll

b) għandhom forza u effett simili bħal deċiżjoni ta' awtorità ġudizzjarja dwar l-istess materja.

[…]"

5 Il-Kapitolu VI tar-Regolament Nru 650/2012, intitolat “Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni”, huwa magħmul mill-Artikoli 62 sa 73 tiegħu.

6 L-Artikolu 63 ta’ dan ir-regolament, intitolat “Fini taċ-Ċertifikat”, jistipula, fil-paragrafu 2 tiegħu:

“Iċ-Ċertifikat jista’ jintuża, b’mod partikolari, biex jiġi muri wieħed jew iżjed minn dawn li ġejjin:

a) l-istatus u/jew id-drittijiet ta’ kull werriet, jew skont il-każ, ta’ kull legatarju msemmi fiċ-Ċertifikat u s-sehem rispettiv tagħhom tal-patrimonju;

b) l-attribuzzjoni ta’ ass speċifiku jew assi speċifiċi li jagħmlu parti mill-patrimonju għall-werriet(a) […]

[…]”

7 L-Artikolu 66 tar-Regolament Nru 650/2012, intitolat “Eżami tal-applikazzjoni”, jipprevedi:

“1. Meta tirċievi l-applikazzjoni l-awtorità emittenti għandha tivverifika l-informazzjoni u d-dikjarazzjonijiet u d-dokumenti u evidenza oħra pprovduti mill-applikant. Hija għandha twettaq l-inkjesti meħtieġa għal dik il-verifika minn jeddha fejn dan ikun previst jew awtorizzat mil-liġi tagħha proprja jew għandha tistieden lill-applikant jipprovdi kwalunkwe evidenza oħra li hija tqis meħtieġa.

[…]

4. L-awtorità emittenti għandha tieħu l-passi kollha meħtieġa biex tinforma lill-benefiċjarji dwar l-applikazzjoni għal Ċertifikat. Hija għandha, jekk ikun meħtieġ għall-istabbiliment tal-elementi li għandhom jiġu ċċertifikati, tisma’ lil kwalunkwe persuna involuta u kwalunkwe eżekutur jew amministratur u tagħmel avviżi pubbliċi bil-għan li tingħata l-opportunità lil benefiċjarji possibbli biex jinvokaw id-drittijiet tagħhom.

[…]”

8 L-Artikolu 67 ta’ dan ir-regolament, intitolat “Ħruġ taċ-Ċertifikat”, jistabbilixxi:

“1. L-awtorità emittenti għandha toħroġ iċ-Ċertifikat mingħajr dewmien f’konformità mal-proċedura stabbilita f’dan il-Kapitolu meta l-elementi li għandhom jiġu ċċertifikati jkunu ġew stabbiliti skont il-liġi applikabbli għas-suċċessjoni jew skont kwalunkwe liġi oħra applikabbli għal elementi speċifiċi. Hija għandha tuża l-formola stabbilita skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 81(2).

L-awtorità emittenti ma għandhiex toħroġ iċ-Ċertifikat b’mod partikolari jekk:

a) l-elementi li għandhom jiġu ċċertifikati jkunu qed jiġu kkontestati; jew

b) iċ-Ċertifikat ma jkunx konformi ma deċiżjoni li tkopri l-istess elementi.

2. L-awtorità emittenti għandha tieħu l-passi kollha neċessarji biex tinforma l-benefiċjarji dwar il-ħruġ taċ-Ċertifikat.”

9 L-Artikolu 69 tal-imsemmi regolament, intitolat “Effetti taċ-ċertifikat”, jipprovdi:

“1. Iċ-Ċertifikat għandu jipproduċi l-effetti tiegħu fl-Istati Membri kollha mingħajr il-ħtiega ta’ xi proċedura speċjali.

2. Għandu jkun preżunt li ċ-Ċertifikat juri b’mod preċiż elementi li jkunu ġew stabbiliti skont il-liġi applikabbli għas-suċċessjoni jew skont kwalunkwe liġi oħra applikabbli għal elementi speċifiċi. Il-persuna msemmija fiċ-Ċertifikat bħala l-werrieta, […] għandha titqies li għandha l-istatus imsemmi fiċ-Ċertifikat u/jew li għandha d-drittijiet jew is-setgħat imsemmijin fiċ-Ċertifikat bl-ebda kondizzjoni u/jew restrizzjoni marbuta ma’ dawk id-drittijiet jew setgħat ħlief minn dawk iddikjarati fiċ-Ċertifikat.

3. Kwalunkwe persuna li, waqt li taġixxi abbażi tal-informazzjoni ċċertifikata f’Ċertifikat, tagħmel ħlas jew tgħaddi proprjetà lil persuna msemmija fiċ-Ċertifikat kif awtorizzata biex taċċetta ħlas jew proprjetà għandha tiġi meqjusa li għamlet tranżazzjoni ma’ persuna li għandha l-awtorità li taċċetta ħlas jew proprjetà, dment li ma tkunx taf li l-kontenut taċ-Ċertifikat mhux preċiż jew ma tkunx taf b’tali impreċizjoni minħabba negliġenza serja.

[…]”

10 L-Artikolu 72 tal-istess regolament, intitolat “Proċeduri ta’ rimedju”, jipprovdi:

“1. Id-deċiżjonijiet meħudin mill-awtorità emittenti skont l-Artikolu 67 jistgħu jiġu kkontestati minn kwalunkwe persuna intitolata li tapplika għal Ċertifikat.

[…]

Il-kontestazzjoni għandha tiġi ppreżentata quddiem awtorità ġudizzjarja fl-Istat Membru tal-awtorità emittenti f’konformità mal-liġi ta’ dak l-Istat.

[…]”

Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) Nru 1329/2014

11 L-Artikolu 1(5) tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1329/2014 tad-9 ta’ Diċembru 2014 li jistabbilixxi l-Formoli msemmija fir-Regolament (UE) Nru 650/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta’ deċiżjonijiet u l-aċċettazzjoni u l-infurzar ta’ strumenti awtentiċi fil-qasam tas-suċċessjonijiet u dwar il-ħolqien ta’ Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni (ĠU 2014, L 359, p. 30, rettifika fil-ĠU 2016, L 9, p. 14):

“Il-formola li trid tintuża għaċ-Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni msemmi fl-Artikolu 67(1) tar-Regolament [Nru 650/2012], tkun kif stabbilit fl-Anness 5 bħala l-Formola V.”

12 Din il-Formola V tinkludi, fl-aħħar paġna tagħha, il-kliem “[l]-awtorità tiċċertifika li ħadet il-passi kollha meħtieġa biex tinforma lill-benefiċjarji tal-applikazzjoni għal ċertifikat u li, fil-mument tal-istabbiliment taċ-ċertifikat, l-ebda wieħed mill-elementi inklużi fih ma kienu kkontestati mill-benefiċjarji”.

Id-dritt Ġermaniż

Il-FamFG

13 L-Artikolu 26 tal-Gesetz über das Verfahren in Familiensachen und in den Angelegenheiten der freiwilligen Gerichtsbarkeit (il-Liġi dwar il-proċedura fil-qasam tal-familja u tal-kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni volontarja), tas-17 ta' Diċembru 2008 (BGBl. 2008 I, p. 2586), fil-verżjoni tagħha applikabbli fil-proċedura fil-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem il-"FamFG"), jipprovdi:

"Il-qorti għandha *ex officio* tagħti l-istruzzjonijiet neċessarji sabiex jiġu stabbiliti l-fatti rilevanti għas-soluzzjoni tat-tilwima."

14 L-Artikolu 352e tal-FamFG, intitolat "Deċiżjoni dwar l-applikazzjonijiet għal ċertifikat ta' eredità", jipprovdi:

"(1) Iċ-ċertifikat ta' eredità jinħareġ biss jekk il-qorti li għandha ġurisdizzjoni fil-qasam tas-suċċessjoni tqis li huma stabbiliti l-elementi neċessarji sabiex tiġi ġġustifikata l-fondatezza tat-talba. Din il-qorti għandha tiddeċiedi permezz ta' deċiżjoni. Din id-deċiżjoni se tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha. In-notifika ta' din id-deċiżjoni ma hijiex neċessarja.

(2) Jekk id-deċiżjoni tmur kontra d-dikjarazzjoni tar-rieda ta' parti interessata, hija għandha tiġi nnotifikata lill-partijiet ikkonċernati. F'dan il-każ, il-qorti għandha tissospendi l-effett immedjat tad-deċiżjoni u tipposponi l-ħruġ taċ-ċertifikat ta' eredità sad-data li fiha din id-deċiżjoni ssir definittiva.

(3) Jekk iċ-ċertifikat ta' eredità jkun diġà nħareġ, ir-rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni jibqa' ammissibbli biss sa fejn jintalab l-irtirar ta' dan iċ-ċertifikat."

Il-liġi dwar id-dritt tas-suċċessjoni internazzjonali u li temenda d-dispożizzjonijiet dwar iċ-ċertifikat ta' eredità kif ukoll dispożizzjonijiet oħra

15 L-Artikolu 35(1) tal-Gesetz zum Internationalen Erbrecht und zur Änderung von Vorschriften zum Erbschein sowie zur Änderung sonstiger Vorschriften (il-Liġi dwar id-Dritt tas-Suċċessjoni Internazzjonali u li temenda d-Dispożizzjonijiet relatati maċ-Ċertifikat tal-Eredità u Dispożizzjonijiet Oħra) tad-29 ta' Ġunju 2015 (BGB1. 2015 I, p. 1042), jipprovdi:

"Sakemm ma jkunx previst mod ieħor fir-Regolament [Nru 650/2012] u f'din it-taqsima, għandu japplika l-[FamFG]."

16 L-Artikolu 39 ta' din il-liġi, intitolat "Natura tad-Deċiżjoni", jipprovdi:

"(1) Jekk il-kundizzjonijiet għall-ħruġ ta' Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni jkunu sodisfatti, il-qorti għandha tiddeċiedi billi toħroġ l-oriġinal ta' tali ċertifikat. Jekk il-kondizzjonijiet għall-ħruġ ta' kopja awtentikata jew l-estensjoni tal-perijodu ta' validità ta' tali kopja jkunu sodisfatti, il-qorti għandha tiddeċiedi billi toħroġ kopja awtentikata jew billi testendi l-perijodu ta' validità ta' tali kopja. Barra minn hekk, il-qorti tiddeċiedi permezz ta' deċiżjoni.

(2) Il-formola li għandha tintuża sabiex jinħareġ Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni u kopja awtentikata hija dik imsemmija fit-tieni sentenza tal-Artikolu 67(1) tar-Regolament [Nru 650/2012], moqri flimkien mal-Artikolu 81(2) tal-istess regolament."

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

17 P. M. J. T., ċittadin Franċiż u li kellu l-aħħar domiċilju fil-Ġermanja, miet fil-15 ta' Settembru 2021.

18 Fit-23 ta' Novembru 2021, E. V. G.-T., il-konjuġi superstiti, irrappreżentata mill-mandatarju *ad litem* tagħha, ressqet applikazzjoni għal Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni quddiem l-Amtsgericht Lörrach (il-Qorti Distrettwali ta' Lörrach, il-Ġermanja), il-qorti tar-rinviju, intiża sabiex hija tinħatar bħala l-unika eredi tad-deċedut. Għal dan l-għan, hija ppreżentat testment konġunt bid-data tat-23 ta' Lulju 2020, miktub bl-idejn mill-konjuġi superstiti u ffirmat minnha kif ukoll mid-deċedut, li permezz tiegħu ż-żewġ konjuġi ħatru lil xulxin bħala eredi uniċi.

19 Barra minn hekk, huwa paċifiku li kien jeżisti testment preċedenti, bid-data tal-31 ta' Mejju 2001, miktub bl-idejn u ffirmat minn P. M. J. T., li permezz tiegħu dan tal-aħħar kien ħatar bħala eredi ż-żewġ neputijiet tiegħu u inkariga lil ibnu bl-organizzazzjoni tal-funeral tiegħu fi Spanja.

20 It-tifel u n-neputijiet tad-deċedut iqisu li t-testment tat-23 ta' Lulju 2020 ma huwiex validu. Huma jsostnu, f'dan ir-rigward, quddiem il-qorti tar-rinviju, li d-deċedut ma kellux iktar il-kapaċità li jiddisponi *causa mortis* meta sar dan it-testment u li l-firma li tinsab fih ma hijiex tiegħu.

21 Din il-qorti kkonstatat li l-allegazzjonijiet tat-tifel u tan-neputijiet tad-deċedut huma infondati. Minn naħa, il-fatt, invokat minnhom, li d-deċedut xi drabi kien jinsab fi stat konfużjonali ma huwiex biżżejjed sabiex jiġi konkluż li kienet teżisti tali inkapaċità jew sabiex din il-kontestazzjoni tiġi eżaminata iktar qabel permezz ta' miżura istruttorja addizzjonali. Min-naħa l-oħra, l-imsemmija qorti kkonstatat l-awtentiċità tal-firma tad-deċedut li tinsab fuq it-testment konġunt wara li pparagunatha ma' kampjuni ta' firma preċedenti li hija kellha għad-dispożizzjoni tagħha. Konsegwentement, l-istess qorti tqis li l-konjuġi superstiti hija l-unika eredi tad-deċedut.

22 Fir-rigward tad-dubji tal-qorti tar-rinviju, l-ewwel nett, din tistaqsi jekk il-kontestazzjonijiet imsemmija fil-punt 20 ta' din is-sentenza jistgħux jostakolaw l-għoti taċ-Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni. Hija tenfasizza, f'dan ir-rigward, li l-punt (a) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 67(1) tar-Regolament Nru 650/2012 jista' jiġi interpretat fis-sens li jkopri mhux biss il-kontestazzjonijiet mqajma fi proċedura differenti minn dik tal-ħruġ taċ-Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni, iżda wkoll dawk imqajma matul din l-aħħar proċedura. F'dan il-każ, il-kontestazzjonijiet magħmula mit-tifel u n-neputijiet tad-deċedut quddiem l-imsemmija qorti jistgħu, f'dan il-każ, jostakolaw il-ħruġ taċ-ċertifikat mitlub mill-konjuġi superstiti.

23 F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk l-awtorità emittenti tistax teżamina l-kontestazzjonijiet imqajma matul il-proċedura għall-ħruġ ta' Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni, jew jekk kull kontestazzjoni ta' din in-natura neċessarjament tipprekludix il-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat. Din il-qorti tippreċiża wkoll li din il-kwistjoni ma hijiex deċiża fid-dritt Ġermaniż.

24 It-tieni nett, skont l-ispjegazzjonijiet tal-qorti tar-rinviju, il-mandatarju *ad litem* tal-konjuġi superstiti għandu l-intenzjoni li jippreżenta applikazzjoni għal ċertifikat ta' suċċessjoni, kif stabbilit fl-Artikolu 352e tal-FamFG, f'każ ta' sospensjoni tal-proċedura fil-kawża prinċipali, f'liema każ il-kontestazzjonijiet imqajma mit-tifel u min-neputijiet tad-deċedut għandhom jiġu eżaminati skont id-dritt nazzjonali fil-kuntest ta' din il-proċedura l-oħra. Din il-qorti tistaqsi, f'dan ir-rigward, jekk il-punt (a) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 67(1) tar-Regolament Nru 650/2012 għandux jiġi interpretat fis-sens li kontestazzjonijiet li ġew miċħuda fil-kuntest ta' proċedura oħra differenti mill-proċedura għall-ħruġ ta' Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni, bħall-proċedura dwar ċertifikat ta' eredità, jipprekludu madankollu l-ħruġ taċ-Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni.

25 It-tielet nett, peress li l-kontestazzjonijiet tat-tifel u n-neputijiet tad-deċedut huma infondati fil-kuntest tal-kawża prinċipali, il-qorti tar-rinviju tqis li l-kawża hija fi stat li tiġi deċiża, u dan anki mingħajr istruttorja formali. Din il-qorti tistaqsi dwar jekk tali kontestazzjonijiet, insuffiċjentement issostanzjati, humiex ukoll koperti mill-punt (a) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 67(1) tar-Regolament Nru 650/2012 u, għaldaqstant, jistgħux jostakolaw il-ħruġ taċ-Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni. L-imsemmija qorti ssemmi wkoll, f'dan il-kuntest, il-possibbiltà ta' kontestazzjonijiet abbużivi.

26 Ir-raba' nett, fil-każ li l-qorti tar-rinviju tkun awtorizzata teżamina l-kontestazzjonijiet imqajma matul il-proċedura għall-ħruġ ta' Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni, tqum il-kwistjoni dwar jekk u f'liema forma għandhom jiġu indikati r-raġunijiet għaċ-ċaħda ta' dawn il-kontestazzjonijiet. Ir-regoli proċedurali li jinsabu fir-Regolament Nru 650/2012 ma jipprevedux li deċiżjoni takkumpanja l-ħruġ taċ-Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni. Din il-qorti tenfasizza, barra minn hekk, li l-formola li għandha tintuża sabiex jinħareġ Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni, imsemmija fl-Artikolu 1(5) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 1329/2014, kif tinsab fl-Anness 5 ta' dan ir-regolament, tinkludi d-dikjarazzjoni li "[l]-awtorità tiċċertifika li ħadet il-passi kollha meħtieġa biex tinforma lill-benefiċjarji tal-applikazzjoni għal ċertifikat u li, fil-mument tal-istabbiliment taċ-ċertifikat, l-ebda wieħed mill-elementi inklużi fih ma kienu kkontestati mill-benefiċjarji".

27 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Amtsgericht Lörrach (il-Qorti Distrettwali ta' Lörrach) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel id-domandi preliminari segwenti lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) Il-punt (a) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 67(1) tar-Regolament [Nru 650/2012] għandu jiġi interpretat fis-sens li jkopri wkoll kontestazzjonijiet imqajma fil-proċedura għall-ħruġ taċ-Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni stess, li ma jistgħux jiġu eżaminati mill-qorti, u li għalhekk ma jkoprix biss kontestazzjonijiet imqajma fi proċeduri differenti?

2) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda: Il-punt (a) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 67(1) tar-Regolament Nru 650/2012 għandu jiġi interpretat fis-sens li Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni ma jistax jinħareġ anki jekk il-kontestazzjonijiet ikunu tqajmu fi proċedura għall-ħruġ ta' Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni iżda jkunu diġà ġew eżaminati fil-proċedura għall-ħruġ ta' ċertifikat ta' wirt taħt id-dritt Ġermaniż?

3) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda: Il-punt (a) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 67(1) tar-Regolament Nru 650/2012 għandu jiġi interpretat fis-sens li jkopri l-kontestazzjonijiet kollha, anki jekk ma jkunux ġew issostanzjati u ma tkun ġiet prodotta ebda prova formali tal-fatti invokati?

4) Fil-każ ta' risposta fin-negattiv għall-ewwel domanda: B'liema forma għandha l-qorti tagħti r-raġunijiet li wassluha sabiex tiċħad il-kontestazzjonijiet u toħroġ iċ-Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni?"

Fuq l-ammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari

28 Il-Gvern Spanjol jikkontesta l-ammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari. Għalkemm dan il-gvern jammetti li l-qorti tar-rinviju għandha l-kwalità ta' "qorti jew tribunal", fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE, huwa jqis madankollu li l-attività li tikkonsisti fil-ħruġ ta' Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni, kif irregolat mir-Regolament Nru 650/2012, ma taqax taħt l-eżerċizzju ta' funzjoni ġudizzjarja.

29 Dan il-gvern isostni, qabelxejn, li l-fatt li l-ħruġ ta' Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni jista' jiġi fdat lil qorti jew lil awtorità kompetenti oħra huwa indizju tan-natura amministrattiva tiegħu. Sussegwentement, il-proċedura ta' ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat ma hijiex maħsuba sabiex teżamina u ssolvi l-kwistjonijiet kontenzjużi bejn il-benefiċjarji potenzjali tas-suċċessjoni. Fl-aħħar nett, iċ-Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni ma jipproduċix l-effetti vinkolanti proprji ta' deċiżjoni ġudizzjarja u għandu biss natura informattiva.

30 Minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li l-qrati nazzjonali jistgħu jagħmlu rinviju lill-Qorti tal-Ġustizzja biss jekk tilwima tkun pendenti quddiemhom u jekk huma msejħa sabiex jiddeċiedu fil-kuntest ta' proċedura intiża sabiex twassal għal deċiżjoni ta' natura ġudizzjarja (sentenzi tat-28 ta' Frar 2019, Gradbeništvo Korana, C-579/17, EU:C:2019:162, punt 34, u tat-3 ta' Mejju 2022, CityRail, C-453/20, EU:C:2022:341, punt 42).

31 Għaldaqstant, il-kwistjoni dwar jekk korp jistax jadixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiġi ddeterminata abbażi ta' kriterji kemm strutturali kif ukoll funzjonali. F'dan ir-rigward, korp nazzjonali jista' jiġi kklassifikat bħala "qorti jew tribunal", fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE, meta huwa jeżerċita funzjonijiet ġudizzjarji, filwaqt li, fl-eżerċizzju ta' funzjonijiet oħra, b'mod partikolari ta' natura amministrattiva, din il-klassifikazzjoni ma tistax tiġi rrikonoxxuta fir-rigward tiegħu (sentenza tat-3 ta' Mejju 2022, CityRail, C-453/20, EU:C:2022:341, punt 43).

32 Minn dan jirriżulta li, sabiex jiġi stabbilit jekk organu nazzjonali, li l-liġi tikkonferilu funzjonijiet ta' natura differenti, għandux jiġi kklassifikat bħala "qorti jew tribunal", fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE, huwa neċessarju li tiġi vverifikata n-natura speċifika tal-funzjonijiet li huwa jaqdi fil-kuntest legali speċifiku li fih huwa jintalab jadixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja (sentenza tat-3 ta' Mejju 2022, CityRail, C-453/20, EU:C:2022:341, punt 44).

33 F'dan il-każ, mill-ispjegazzjonijiet tal-qorti tar-rinviju jirriżulta li din tistaqsi dwar is-setgħat mogħtija lilha fil-kuntest speċifiku tal-proċedura ta' ħruġ ta' Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni, kif irregolata mill-Kapitolu VI tar-Regolament Nru 650/2012.

34 Minn dawn l-ispjegazzjonijiet jirriżulta wkoll li, matul il-proċedura fil-kawża prinċipali, ġew ifformulati diversi kontestazzjonijiet mit-tifel u min-neputijiet tad-deċedut sabiex jiġi ostakolat il-ħruġ taċ-Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni mitlub mill-konjuġi superstiti ta' dan tal-aħħar. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar il-konsegwenzi li għandhom jinsiltu mill-eżistenza ta' dawn il-kontestazzjonijiet.

35 Din il-qorti tesponi, f'dan ir-rigward, li, skont id-dritt nazzjonali tagħha, hija għandha ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi tali kontestazzjonijiet, b'mod partikolari meta dawn jitqajmu fl-okkażjoni tal-ħruġ ta' ċertifikat ta' eredità. Hija tistaqsi, għalhekk, jekk hija tistax ukoll tiddeċiedi l-imsemmija kontestazzjonijiet meta dawn iseħħu fil-kuntest ta' proċedura għall-ħruġ ta' Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni, suġġett għas-sistema stabbilita mill-Kapitolu VI tar-Regolament Nru 650/2012.

36 Permezz tal-ewwel tliet domandi li hija għamlet lill-Qorti tal-Ġustizzja, il-qorti tar-rinviju tistaqsi b'mod partikolari jekk dan ir-regolament jagħtix, bħala tali, lill-awtorità adita b'talba għal Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni l-ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi l-kawżi li jirriżultaw minn kontestazzjonijiet ifformulati matul il-proċedura għall-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat. Din il-qorti tistaqsi, jekk ikun japplika, permezz tar-raba' domanda tagħha, taħt liema forma din l-awtorità għandha tagħti r-raġunijiet li wassluha sabiex tiċħad il-kontestazzjonijiet u toħroġ iċ-Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni.

37 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-interpretazzjoni tar-Regolament Nru 650/2012 mitluba mill-qorti tar-rinviju hija intiża li tevalwa jekk hija teżerċitax funzjonijiet ġudizzjarji, fis-sens tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 31 ta' din is-sentenza, fil-kuntest speċifiku tal-proċedura għall-ħruġ ta' Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni. Peress li l-klassifikazzjoni ta' "qorti jew tribunal", fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE, tikkostitwixxi kundizzjoni ta' ammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-9 ta' Lulju 2020, Land Hessen, C-272/19, EU:C:2020:535, punt 42), huwa neċessarju li tingħata din l-interpretazzjoni sabiex tingħata deċiżjoni dwar l-ammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari.

38 Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 67(1) tar-Regolament Nru 650/2012, l-awtorità emittenti għandha toħroġ iċ-Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni meta l-elementi li għandhom jiġu ċċertifikati jkunu ġew stabbiliti skont il-liġi applikabbli għas-suċċessjoni jew skont kwalunkwe liġi oħra applikabbli għal elementi speċifiċi. B'konformità mal-punt (a) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 67 ta' dan ir-regolament, l-awtorità emittenti ma għandhiex toħroġ dan iċ-ċertifikat b'mod partikolari "jekk l-elementi li għandhom jiġu ċċertifikati jkunu qed jiġu kkontestati".

39 Għall-finijiet tal-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, meta tiġi interpretata dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, huwa neċessarju li jiġi kkunsidrat mhux biss il-kliem tagħha iżda wkoll il-kuntest tagħha u l-għanijiet imfittxija mil-leġiżlazzjoni li tifforma parti minnha. (sentenza tat-12 ta' Ottubru 2023, KBC Verzekeringen, C-286/22, EU:C:2023:767, punt 32).

40 Fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-formulazzjoni tal-punt (a) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 67(1) tar-Regolament Nru 650/2012, għandu jiġi rrilevat li din id-dispożizzjoni tkopri mingħajr distinzjoni kull sitwazzjoni li fiha l-elementi li għandhom jiġu ċċertifikati huma "kkontestati". Għalhekk jidher li l-imsemmija dispożizzjoni tkopri kull kontestazzjoni, mingħajr ma tagħmel distinzjoni skont jekk din tkunx tqajmet matul il-proċedura għall-ħruġ ta' Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni jew matul proċedura oħra.

41 Għandu jiġi rrilevat, f'dan ir-rigward, li ebda waħda mill-verżjonijiet lingwistiċi tal-punt (a) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 67(1) tar-Regolament Nru 650/2012, b'mod partikolari l-verżjonijiet bil-lingwa Ġermaniża ("*wenn Einwände gegen den zu bescheinigenden Sachverhalt anhängig sind*"), Spanjola ("*si los extremos que se han de certificar son objeto de oposición*"), Ingliża ("*if the elements to be certified are being challenged*"), Franċiża ("si les éléments à certifier sont contestés"), Taljana ("*quando gli elementi da certificare sono oggetto di contestazione*"), Litwana ("*jei ginčijami patvirtintini faktai*") u Svediża ("*om ett klagomål har riktats mot de uppgifter som*

ska styrkas") ma teżiġi formalment li l-elementi li għandhom jiġu ċċertifikati ġew ikkontestati fil-kuntest ta' proċedura differenti minn dik li tirrigwarda l-ħruġ taċ-Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni.

42 Minn dan isegwi li kontestazzjoni li tirrigwarda l-elementi li għandhom jiġu ċċertifikati, ifformulata matul il-proċedura tal-ħruġ ta' Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni, għandha, bħala prinċipju, tostakola l-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat.

43 Fir-rigward, fit-tieni lok, tal-kuntest tal-punt (a) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 67(1) tar-Regolament Nru 650/2012, għandu jitfakkar, l-ewwel, li, skont l-ewwel subparagrafu ta' dan l-Artikolu 67(1), l-awtorità emittenti għandha toħroġ iċ-Ċertifikat mingħajr dewmien "meta l-elementi li għandhom jiġu ċċertifikati jkunu ġew stabbiliti".

44 Jista' jiġi dedott, *a contrario*, minn dan ir-rekwiżit li l-awtorità emittenti għandha tirrifjuta li toħroġ dan iċ-ċertifikat meta l-elementi li għandhom jiġu ċċertifikati ma jistgħux jitqiesu bħala "stabbiliti", b'mod partikolari wara kontestazzjonijiet magħmula matul il-proċedura ta' ħruġ tal-imsemmi ċertifikat.

45 It-tieni nett, l-Artikolu 66 tar-Regolament Nru 650/2012 jistabbilixxi, fil-paragrafu 1 tiegħu, l-obbligu, għall-awtorità emittenti, li għandha tivverifika l-informazzjoni u d-dikjarazzjonijiet kif ukoll id-dokumenti u evidenza oħra pprovduti mill-applikant.

46 Barra minn hekk, l-Artikolu 66(4) ta' dan ir-regolament jimponi fuq l-awtorità emittenti l-obbligu li tieħu l-miżuri kollha neċessarji sabiex tinforma lill-benefiċjarji dwar l-applikazzjoni għal ċertifikat. Jekk dan ikun meħtieġ għall-istabbiliment tal-elementi li għandhom jiġu ċċertifikati, din l-awtorità għandha wkoll tisma' lil kwalunkwe persuna involuta, kif ukoll lil kwalunkwe eżekutur jew amministratur, u tagħmel avviżi pubbliċi bil-għan li tingħata l-opportunità lil benefiċjarji oħra il-possibbiltà li jsostnu d-drittijiet tagħhom.

47 Issa, billi jipprevedi dawn l-obbligi ta' smigħ u ta' informazzjoni, il-leġiżlatur tal-Unjoni neċessarjament qies il-possibbiltà li jitqajmu kontestazzjonijiet matul l-eżami tal-applikazzjoni għal Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni u jostakolaw, jekk ikun il-każ, il-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat.

48 Konsegwentement, il-kontenut tal-obbligu ta' eżami previst fl-Artikolu 66 tar-Regolament Nru 650/2012, b'mod partikolari fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu 66, jikkonferma wkoll l-interpretazzjoni adottata fil-punt 42 ta' din is-sentenza.

49 It-tielet nett, din l-interpretazzjoni hija kkorroborata mill-kontenut tal-Formola V, li tinsab fl-Anness 5 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 1329/2014. B'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 67(1) tar-Regolament Nru 650/2012, l-awtorità emittenti għandha obbligatorjament tuża din il-formula sabiex jinħareġ iċ-Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-9 ta' Marzu 2023, Registrų centras, C-354/21, EU:C:2023:184, punt 46). Issa, l-imsemmija formola tinkludi, fl-aħħar paġna tagħha, dikjarazzjoni li permezz tagħha l-awtorità emittenti tiċċertifika li "fil-mument tal-istabbiliment taċ-ċertifikat, l-ebda wieħed mill-elementi li jinsabu fih ma ġie kkontestat mill-benefiċjarji".

50 Fit-tielet lok, din l-interpretazzjoni hija wkoll ikkorroborata mill-għanijiet tar-Regolament Nru 650/2012 li jfittex, kif jirriżulta mill-premessi 7 u 8 tiegħu, li jgħin lill-eredi u lil-legatarji, kif ukoll lill-persuni l-oħra qrib tad-deċedut kif ukoll lill-kredituri tas-suċċessjoni sabiex jeżerċitaw

id-drittijiet tagħhom fil-kuntest ta' suċċessjoni li għandha implikazzjonijiet transkonfinali kif ukoll sabiex jippermetti liċ-ċittadini tal-Unjoni jħejju s-suċċessjoni tagħhom (sentenza tad-9 ta' Marzu 2023, Registrų centras, C-354/21, EU:C:2023:184, punt 41 u l-ġurisprudenza ċċitata).

51 Mill-premessa 67 ta' dan ir-regolament jirriżulta li ċ-Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni nħoloq sabiex jippermetti lill-werrieta, lil-legatarji, lill-eżekuturi testamentarji jew lill-amministraturi ta' suċċessjoni jipprovaw faċilment l-istatus tagħhom u/jew id-drittijiet u s-setgħat tagħhom fi Stat Membru ieħor, pereżempju fi Stat Membru fejn tinsab il-proprjetà tas-suċċessjoni, bl-għan li jiġu rregolati b'mod rapidu, faċli u effettiv is-suċċessjonijiet b'implikazzjonijiet transkonfinali fi ħdan l-Unjoni.

52 Għandu jitfakkar ukoll, kif tikkonferma l-premessa 71 tal-imsemmi regolament, li ċ-Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni jipproduċi l-effetti tiegħu fl-Istati Membri kollha, mingħajr ma jkun meħtieġ li tintuża kwalunkwe proċedura, u li huwa preżunt li juri fedelment l-eżistenza ta' elementi li ġew stabbiliti skont il-liġi applikabbli għas-suċċessjoni jew skont kwalunkwe liġi oħra applikabbli għal elementi speċifiċi kif ukoll il-kwalità u d-drittijiet tal-persuni indikati bħala werrieta, legatarji, eżekuturi testamentarji jew amministraturi tas-suċċessjoni, skont l-Artikolu 69(1) u (2) tal-istess regolament (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-1 ta' Lulju 2021, Vorarlberger Landes- und Hypotheken-Bank, C-301/20, EU:C:2021:528, punt 23).

53 F'dan il-kuntest, interpretazzjoni tal-Artikolu 67(1) tar-Regolament Nru 650/2012 li tawtorizza l-ħruġ u l-użu ta' Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni, minkejja li l-elementi li għandhom jiġu ċċertifikati huma s-suġġett ta' kontestazzjonijiet, tirriskja li tkun sors ta' tilwim dwar l-atti legali li għalihom iċ-ċertifikat intuża bħala mezz ta' prova, u b'hekk tmur kontra l-għan li tiġi ffaċilitata r-riżoluzzjoni tas-suċċessjonijiet b'implikazzjonijiet transkonfinali.

54 Minn dan isegwi li l-għan li ġġustifika l-ħolqien taċ-Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni, jiġifieri dak li jiġi ffaċilitat ir-regolament tas-suċċessjonijiet li għandhom effett transkonfinali, isostni wkoll l-interpretazzjoni tal-punt (a) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 67(1) tar-Regolament Nru 650/2012 fis-sens li dan iċ-ċertifikat ma jistax jinħareġ fil-preżenza ta' kontestazzjonijiet magħmula matul il-proċedura ta' ħruġ, li minnhom jirriżulta li l-elementi li għandhom jiġu ċċertifikati ma jistgħux jitqiesu bħala stabbiliti.

55 Dan premess, l-assenza ta' setgħa mogħtija lill-awtorità emittenti sabiex tiddeċiedi kontestazzjonijiet fil-kuntest tal-proċedura għall-ħruġ taċ-Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni ma tipprojbixxix lil din l-awtorità milli tikkonstata li kontestazzjoni mqajma quddiemha diġà ġiet deċiża permezz ta' deċiżjoni ġudizzjarja definittiva li għandha l-awtorità ta' *res judicata*. F'dan ir-rigward, mill-ispjegazzjonijiet ipprovduti mill-qorti tar-rinviju jirriżulta li din tistaqsi jekk din id-dispożizzjoni għandhiex tiġi interpretata fis-sens li kull kontestazzjoni neċessarjament tostakola l-ħruġ taċ-Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni, jew jekk ir-Regolament Nru 650/2012 jagħtix lill-awtorità emittenti s-setgħa li teżamina u tiċħad kontestazzjoni infondata jew mhux issostanzjata kif ukoll, jekk ikun il-każ, li toħroġ iċ-ċertifikat minkejja l-preżenza ta' tali kontestazzjoni.

56 Fir-rigward tal-kontestazzjonijiet diġà eżaminati fil-kuntest ta' proċedura oħra, li huma s-suġġett tat-tieni domanda, mit-talba għal deċiżjoni preliminari jirriżulta li l-qorti tar-rinviju tirreferi, b'mod iktar speċifiku, għall-każ fejn kontestazzjonijiet imqajma matul il-proċedura għall-ħruġ ta' Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni jkunu diġà ġew miċħuda fil-kuntest ta' proċedura oħra. Din il-qorti tistaqsi, essenzjalment, jekk, f'dan il-każ, l-awtorità emittenti għandhiex is-setgħa li toħroġ dan iċ-ċertifikat minkejja l-preżenza formali ta' kontestazzjonijiet.

57 Għandu jiġi rrilevat, preliminarjament, li dan il-każ ma huwiex espliċitament irregolat mill-Artikolu 67(1) tar-Regolament Nru 650/2012. B'mod partikolari, il-punt (b) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 67(1) ta' dan ir-regolament jirrigwarda l-każ fejn deċiżjoni mogħtija fil-kuntest ta' proċedura oħra u li tirrigwarda l-elementi li għandhom jiġu ċċertifikati topponi l-ħruġ taċ-ċertifikat mitlub.

58 Madankollu, il-kunċett ta' kontestazzjoni, fis-sens tal-punt (a) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 67(1) tal-imsemmi regolament, għandu neċessarjament jiġi interpretat fis-sens li ma jkoprix il-kontestazzjonijiet diġà miċħuda minn deċiżjoni definittiva mogħtija minn awtorità ġudizzjarja li tiddeċiedi fil-kuntest ta' proċedura ġudizzjarja. Fil-każ kuntrarju, fil-fatt, kull "kontestazzjoni" tista' indefinittivament tostakola l-ħruġ taċ-Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni, minkejja li din il-kontestazzjoni tkun diġà ġiet eżaminata u miċħuda b'mod definittiv fil-kuntest ta' proċedura ġudizzjarja, kemm jekk din il-proċedura tkun dik imsemmija fl-Artikolu 72 tal-istess regolament, dwar ir-rimedji kontra deċiżjoni dwar il-ħruġ ta' Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni, kif ukoll jekk tkun irregolata biss mid-dritt nazzjonali.

59 Ir-rekwiżit, f'dan il-kuntest, ta' deċiżjoni ta' natura definittiva jirriżulta min-neċessità li tinżamm l-affidabbiltà taċ-Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni konformement mal-għanijiet imfakkra fil-punti 50 u 51 ta' din is-sentenza, kif sostniet ġustament il-Kummissjoni Ewropea. Fil-fatt, il-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat, filwaqt li kontestazzjonijiet dwar l-elementi li għandhom jiġu ċċertifikati huma s-suġġett ta' proċedura li għadha pendenti, jinvolvi neċessarjament ir-riskju li l-kontenut tal-imsemmi ċertifikat jiġi kontradett minn deċiżjoni mogħtija sussegwentement fil-kuntest ta' din il-proċedura.

60 Konsegwentement, huwa biss fil-mument meta, fil-kuntest ta' proċedura differenti minn dik li għandha bħala suġġett il-ħruġ taċ-Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni, id-deċiżjoni li tiċħad kontestazzjoni ssir definittiva li din il-kontestazzjoni tieqaf milli tostakola l-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat skont il-punt (a) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 67(1) tar-Regolament Nru 650/2012.

61 Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li l-Artikolu 72 tar-Regolament Nru 650/2012 jipprevedi rimedju ġudizzjarju quddiem awtorità ġudizzjarja tal-Istat Membru li taħtu taqa' l-awtorità emittenti konformement mad-dritt ta' dan l-Istat, kontra kull deċiżjoni mogħtija minn din l-awtorità emittenti skont l-Artikolu 67 ta' dan ir-regolament.

62 Minn dan isegwi li kull deċiżjoni mogħtija mill-awtorità emittenti fi tmiem il-proċedura għall-ħruġ ta' Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni, konformement mal-Artikolu 67(1) tal-imsemmi regolament, ma hijiex, ipotetikament, definittiva. Għalhekk, il-ħruġ ta' tali ċertifikat, minkejja l-preżenza ta' kontestazzjonijiet li l-awtorità emittenti ċaħdet bħala infondati jew mhux issostanzjati, jinvolvi neċessarjament riskju analogu għal dak identifikat fil-punt 59 ta' din is-sentenza, jiġifieri r-riskju li l-kontenut ta' dan iċ-ċertifikat jiġi kkontestat permezz ta' deċiżjoni mogħtija sussegwentement fil-kuntest tal-proċedura msemmija fl-Artikolu 72 tal-istess regolament.

63 Konsegwentement, in-neċessità li tinżamm l-affidabbiltà taċ-Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni konformement mal-għanijiet imfakkra fil-punti 53 u 54 ta' din is-sentenza teżiġi li l-punt (a) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 67(1) tar-Regolament Nru 650/2012 jiġi interpretat fis-sens li kull kontestazzjoni, anki jekk tidher infondata jew mhux sostanzjata, imqajma matul il-proċedura

għall-ħruġ ta' Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni, tipprekludi l-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat, bl-eċċezzjoni tal-kontestazzjonijiet definittivament miċħuda fil-kuntest ta' proċedura oħra, kif indikat fil-punt 61 ta' din is-sentenza.

64 Sabiex tinżamm il-fiduċja taċ-ċittadini tal-Unjoni fiċ-Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni, huwa, fil-fatt, imperattiv li dan l-istrument, li għandu s-saħħa probatorja stabbilita fl-Artikolu 63(2) tar-Regolament Nru 650/2012, u li jipproduċi l-effetti stabbiliti, b'mod partikolari, fl-Artikolu 69(2) u (3) ta' dan ir-regolament, jinħareġ biss fl-assenza ta' kwalunkwe kontestazzjoni intiża dwar elementi li għandhom jiġu ċċertifikati.

65 Fil-preżenza ta' tali kontestazzjoni, l-awtorità emittenti, li ma għandhiex is-setgħa li tiddeċiedi dwarha, hija obbligata tirrifjuta li toħroġ iċ-Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni mitlub, peress li dan ir-rifjut jista' jkun is-suġġett tar-rikors previst fl-Artikolu 72 tar-Regolament Nru 650/2012. L-awtorità ġudizzjarja adita b'tali rikors tista', jekk ikun il-każ, teżamina l-fondatezza tal-kontestazzjonijiet li ostakolaw il-ħruġ taċ-ċertifikat.

66 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, għandu jiġi kkonstatat li, billi tagħti, bħala awtorità emittenti taċ-Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni, deċiżjonijiet skont l-Artikolu 67(1) tar-Regolament Nru 650/2012, il-qorti tar-rinviju ma teżerċitax funzjoni ġudizzjarja u, għaldaqstant, ma hijiex awtorizzata tadixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja skont l-Artikolu 267 TFUE.

67 Konsegwentement, it-talba għal deċiżjoni preliminari hija inammissibbli.

Fuq l-ispejjeż

68 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) taqta' u tiddeċiedi:

It-talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Amtsgericht Lörrach (il-Qorti Distrettwali ta' Lörrach, il-Ġermanja), permezz ta' deċiżjoni tal-21 ta' Marzu 2023, hija inammissibbli.

Firem